MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2005

Numru 31/2000

**Il-Pulizija**
(Spettur Antonello Grech)

vs

**Raymond Axiaq** ta' 32 sena bin Agostino u Golina nee' Cauchi, imwieled Victoria fit-8 ta' Gunju 1967 u residenti "Raymar", Triq ic-Cnus, Zebbug, Ghawdex

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat Raymond Axiaq karta ta’ identita’ numru 14467(G) akkuzat talli fis-16 ta’ Gunju, 1998, ghall-habta tat-8.00am fi Triq il-Kappuccini, Victoria, Ghawdex, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru CBD 554 b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna l-mewt ta’ Joseph Bezzina jew b’xi mod ikkontribwixxa ghall-mewt tieghu;

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali li bih baghat lura l-atti tal-kompilazzjoni lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi jekk hemmx htija jew le fl-imputat skond l-artikoli tal-ligi minnu hemm citati;

Semghet l-ahhar xhud tal-prosekuzzjoni;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema’ u tigi deciza minn din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Li ai termini tar-rinviju l-imputat hu akkuzat b’omicidju involontarju, jigifieri li b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna l-mewt ta’ Joseph Bezzina.  L-incident meritu l-akkuza hu dak fejn l-vittma inqabad bejn it-truck misjuq mill-imputat u hajt ta’ parapett fi Triq il-Kapuccini, Victoria, Ghawdex, u miet tlett ijiem fuq l-incident kawza l-griehi gravi li kien sofra. M’hemmx dubbju, u l-atti jippruvaw dan il-fatt wisq car, li l-mewt ta’ Bezzina ssuccediet direttament u unikament minhabba l-incident meritu dawn il-proceduri.

L-incident fatali in dizamina gara fis-16 ta’ Gunju 1998. Jirrizulta ezawrjentement car mill-provi li fil-jum indikat kien hemm ezistenti ‘traffic lights’ f’salib it-toroq ta’ Triq ir-Repubblika, li taghha Triq il-Kapuccini hija fergha li twassal sa Marsalforn.  Fil-gurnata *de quo* inserta wkoll li

t-traffiku ma setax jipprocedi ‘l fuq, fid-direzzjoni tat-‘Tokk’ fl-imsemmija Triq ir-Repubblika, billi kienet inghalqet ghat-traffiku minhabba xi xoghlijiet ta’ kostruzzjoni; ghalhekk it-traffiku gej minn naha t’isfel, jigifieri minn naha ta’ l-iskola, ma kellux alternattiva hlief li, kif jasal fejn l-istabbiliment kummercjali ‘Palazz Tigrija’ jmur f’wahda miz-zewg toroq laterali opposti ghal xulxin fejn appuntu kienu installati t-‘traffic lights’ imsemmija. L-imputat kien fil-fatt dar lejn Triq il-Kapuccini, triq fejn vetturi jghaddu kemm ‘l fuq u kemm ‘l isfel. L-incident rrizulta li gara fil-parti tal-bidu ta’ din it-triq hekk kif wiehed ikun dar minn Triq ir-Repubblika u kien allura qabez it-‘traffic lights’ imsemmija. Huwa fatt li rrizulta wkoll li fejn gara l-incident fi Triq il-Kapuccini din tidjieq b’mod li lanqas bankini m’hemm anka ghaliex hemm parapett ta’ dar privata li jokkupa l-ispazju tal-bankina. Fuq din in-naha kien niezel l-imputat bit-truck. Il-vittma gie maqbud proprju ma’ dan il-parapett u t-truck misjuq mill-imputat li ghandu jinghad kien wiehed kbir tul ta’ xi sitt metri u kellu tghabbija ta’ ramel fil-kaxxa tieghu. Issa, la mill-inkjesta u lanqas mill-provi tul il-kumpilazzjoni, ma rrizulta, anzi hu eskluz, li t-truck in kwistjoni kellu xi difett jew xi rregolarita’ bhal, per ezempju, brakes difettuzi jew nuqqas ta’ mirja. Huwa fatt li wkoll jirrizulta li t-truck ghamel xi ftit hin wieqaf immedjatament qabel ma ttenta jerga’ jinstaq u tghaffeg l-vittma, u li bejn it-truck u l-parapett kien hemm spazju tant dejjaq li fi kliem xhud partikolari ‘bniedem setgha jghaddi bil-kastig’.

Illi l-provi ftit ihallu dubju li d-disgrazzja sehhet waqt li l-vittma kien tiela’ bil-mixi u kif kien f’dan l-ispazju l-imputat beda biex isuq u l-vittma intrasset f’dan l-ispazju tant dejjaq li biex jinheles mill-morsa li kien fiha kien ukoll jinhtieg li tizzarma parti mill-parapett.

Illi fil-fehma tal-Qorti nhela hafna zmien fil-kawza biex jigi stabbilit x’kienet ir-raguni li gieghel lill-imputat jieqaf bit-truck u ma baqax niezel fi triqtu wara li kien ghadda t-‘traffic lights’. Dan qeghdha tghidu din il-Qorti ghaliex huwa assodat mill-provi li l-vittma kien gie ghat-telgha cioe’ minn faccata l-imputat li sahansitra kien induna b’xi

nies li kienu weqfin fuq il-bankina li tasal sal-parapett, wisq probabbli jistennew t-truck isuq.

Dak li hu determinanti f'dan il-kaz hu li l-vittma ghamel att imprudenti meta ghamel biex jghaddi minn dan il-passagg tant ristrett u in kwantu ghall-imputat il-kolpa tieghu hi li ma osservax dak li kien obbligat josserva. Fi kliem iehor ma accertax ruhu li seta' isuq bla riskju ghall-utenti ohra tat-triq. X'kien il-fatt kontributorju ghall-incident xejn ma jiskolpa lill-imputat li jgorr ir-responsabilita' ghal nuqqasijiet tieghu.

Fic-cirkustanzi tal-kaz, ghalhekk, u wara li rat l-Artikolu 225 tal-Kap 9 kif kien jaqra fiz-zmien ta' l-incident, qeghdha din il-Qorti ssibu hati ta' l-akkuza dedotta kontra tieghu u tikkundannah sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tordna li tibqa' sospiza ghal sentejn mil-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor f'dan il-perjodu ta' din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti spjegat fi kliem car ir-responsabbiltajiet ta' l-imputat naxxenti minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------